**25 ta' Awissu, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Savio Spiteri u Anthony Vella

**Assenza ta' Imputat mill-Qorti**

*L-assenza ta' l-imputat mill-Qorti waqt li tingħata sentenza fil-konfront tiegħu, iġġib bħala konsegwenza l-ineżistenza totali kemm tas-sentenza appellata, kif ukoll tas-smigħ tal-kawża li ppreċeda u ddetermina dik is-sentenza.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni oriġinarjament miġjuba kontra Savio Spiteri bħala l-persuna responsabbli mit-tmexxija tal-ħanut magħrufa bħala *Gourmet* li qiegħed fi Triq ir-Rabat, ix-Xlendi u kontra Anthony Vella bħala l-persuna li f'isimha nħarġet il-liċenzja

ta' l-imsemmi ħanut, talli nhar it-23 ta' Mejju, 1994 għall-ħabta ta' l-10.00 a.m. huma qiegħdu għoxrin (20) mejda bis-siġġijiet quddiem l-imsemmi ħanut u dan mingħajr liċenzja tal-Pulizija kif ukoll mingħajr il-permess ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar; il-prosekuzzjoni talbet lill-ewwel Qorti sabiex tordna t-tneħħija ta' l-imwejjed imsemmija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ta' l-1 ta' Frar, 1995 li biha dik il-Qorti, wara li lliberat lil Anthony Vella, sabet lil Savio Spiteri ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' ħamsin (Lm50) lira;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Savio Spiteri, minnu ppreżentat fid-9 ta' Frar, 1995 li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza kwantu tirrigwarda lilu u li konsegwnetment hu jiġi lliberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Lulju, 1995; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li hu jismu Domenico Savio Spiteri u mhux Savio Spiteri u li għalhekk is-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija nulla. Dana l-aggravju mhux biss hu nfondat iżda frivolu għall-aħħar. L-appell odjern sar minn <u>**Savio Spiteri**</u>; il-verbali ta' l-udjenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) kollha jirreferu għal <u>**Savio Spiteri**</u>; u minn dawk il-verbali ma jirriżultax li l-appellant, allura imputat, qatt eċċepixxa li hu kien ġie mħarrek f'isem żbaljat. Quddiem din il-Qorti ma nġabet ebda prova li isem l-appellant hu differenti minn kif jidher fl-atti kollha. Din il-Qorti m'għandhiex l-iċken dubbju dwar l-identita` ta' l-appellant u ċjoe`

li hu l-istess persuna li wieġbet għaċ-ċitazzjoni maħruġa kontra Savio Spiteri - li l-konnotati tiegħu jidhru fl-istess ċitazzjoni - kif ukoll l-istess persuna li fil-konfront tagħha ingħatat is-sentenza appellata. Għalhekk dan l-aggravju qed jiġi respint;

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu li ma kienet meħtieġa ebda liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija għall-imwejjed in kwistjoni peress li dawn l-imwejjed ma kinux qegħdin f'post pubbliku iżda f'area li kienet magħluqa u li tinsab fil-pussess ta' l-imputat *qua* direttur tal-kumpannija li tiġġestixxi l-istess negozju u li fi kwalunkwe każ ma kienx jeħtieġ permess ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Mill-provi, pero`, u senjatament mid-deposizzjoni ta' P.C.1125 Emmanuel Buttigieg, jirriżulta li anke jekk mhux kollha, xi wħud minn dawn l-imwejjed - addirittura nofshom, ċjoe` għaxra minn total ta' għoxrin - kienu fi triq pubblika. Għalhekk din il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn toqgħod tidħol fil-kwistjoni jekk dawk l-għaxar imwejjed l-oħra li kienu fuq il-veranda u taħt il-*canopy* kinux jirrikjedu xi permess o meno. L-appellant ma setax, mingħajr permess tal-pulizija, jokkupa u jingombra parti mit-triq pubblika bl-imwejjed, kienu kemm kienu n-numru tagħhom. Għalhekk dan l-aggravju qed jiġi wkoll respint;

Din il-Qorti tara li fiċ-ċirkostanzi kollha dana l-appell hu wieħed altament fieragħ u għalhekk ser tikkundanna lill-appellant fit-termini ta' l-artikolu 429(2) tal-Kodiċi Kriminali;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li l-appell hu wieħed fieragħ, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 429(2), 13(1)(2) u 14(1) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna wkoll lill-appellant għal ammenda ta' ħamsa u għoxrin lira, pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'ħamest ijiem

detenzjoni.